REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1060/2010

tat-28 ta' Settembru 2010

li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' tikkettar tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiku

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikazzjoni permezz ta' tikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 10 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2010/30/UE titlob li l-Kummissjoni tadotta atti delegati fir-rigward tat-tikkettar tal-prodotti marbutin mal-enerġija li jirrappreżentaw potenzjal sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija u li għandhom differenzi kbar fil-livelli tal-prestazzjoni iżda b'funzjonalità ekwivalenti.

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/2/KE tal-21 ta' Jannar 1994 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE fir-rigward tal-ittikkettjar tal-enerġija ta' refriġeraturi, freezers elettriċi domestiċi u l-kombinazzjonijiet tagħhom [2] stabbiliet dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-enerġija fuq it-tagħmir refriġeranti domestiku.

(3) L-elettriku ġġenerat mit-tagħmir refriġeranti domestiku jammonta għal parti sinifikanti mid-domanda totali għall-elettriku mid-djar fl-Unjoni. Barra mit-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija li diġà sar, għad hemm lok sostanzjali għal aktar tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għat-tagħmir refriġeranti domestiku.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/2/KE għandha tiġi revokata u dispożizzjonijiet ġodda għandhom jiġu stipulati b'dan ir-Regolament sabiex ikun żgurat li t-tikketta tal-enerġija tipprovdi inċentivi dinamiċi għall-manifatturi sabiex ikomplu jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiku u sabiex it-trasformazzjoni tas-suq lejn teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija sseħħ aktar malajr.

(5) L-effett konġunt tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, u fir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 643/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għat-tagħmir refriġeranti domestiku [3], jista' jkun li sal-2020 jiġu ffrankati 6 TWh ta' elettriku fis-sena [4] meta mqabbel mas-sitwazzjoni fejn ma tittieħed l-ebda miżura.

(6) Hemm opportunità wkoll li tkun iffrankata l-enerġija permezz ta' prodotti fis-swieq li qegħdin jiżviluppaw għat-tagħmir refriġeranti tat-tip bl-assorbiment u tagħmir fejn jinħażen l-inbid. Dan it-tagħmir għandu għalhekk ikun inkluż fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

(7) Tagħmir refriġeranti tat-tip bl-assorbiment ma jagħmilx storbju, imma jikkonsma ħafna iktar enerġija mit-tagħmir tat-tip bil-kompressjoni. Sabiex l-utent aħħari jieħu deċiżjoni infurmata, it-tikketta għandha tinkludi informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja minn tagħmir refriġeranti domestiku.

(8) L-informazzjoni pprovduta fuq it-tikketta għandha tinkiseb bis-saħħa ta' proċeduri ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar riċenti u avvanzati rikonoxxuti inklużi, fejn disponibbli, standards armonizzati adottati mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej, kif elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti tekniċi u tar-regoli tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni [5].

(9) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika disinn u kontenut uniformi għat-tikketta tat-tagħmir refriġeranti domestiku.

(10) Barra minn hekk, dan ir-Reoglament għandu jispeċifika r-rekwiżiti għad-dokumentazzjoni teknika u l-fiche għat-tagħmir refriġeranti domestiku.

[1] OJ L 153, 18.6.2010, p. 1.
[2] ĠU L 45, 17.2.1994, p. 1.
[3] ĠU L 191, 23.7.2009, p. 53.
[4] Meta mqabbla skont l-istandard EN 153 tas-CENELEC (Kumitat Ewropew għall-istandardazzjoni Elettroteknika), Frar 2006/EN ISO 15502, Ottubru 2005.
[5] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

(11) Fuq kollox, dan ir-Regolament għandu jispeċifika r-rekwiżiti dwar l-informazzjoni li għandha tingħata waqt bejgħ ta' tagħmir refriġeranti domestiku li jsir mill-bogħod, permezz ta' reklami u materjal promozzjonali ta' natura teknika.

(12) Huwa xieraq li jkun hemm provvediment għal analiżi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jqis il-progress teknoloġiku.

(13) Sabiex tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni mid-Direttiva 94/2/KE għal dan ir-Regolament, it-tagħmir refriġeranti domestiku li jkollu tikketta skont dan ir-Regolament għandu jitqies konformi mad-Direttiva 94/2/KE.

(14) Id-Direttiva 94/2/KE għandha għalhekk tiġi mħassra,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti għat-tikkettar u d-dispożizzjoni tal-informazzjoni supplimentari dwar il-prodott tat-tagħmir refriġeranti domestiku li jaħdem bl-elettriku li jkollu kapaċità ta' ħżin bejn 10 u 1 500 litru.

2. Dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli għal tagħmir refriġeranti domestiku li jopera permezz tal-elettriku, li jinkludi t-tagħmir li jinbiegħ għal użu mhux fi djar jew għal refriġerazzjoni ta' oġġetti mhux tal-ikel u li jinkludi tagħmir ingastat.

Għandu japplika wkoll għat-tagħmir refriġeranti domestiku li jaħdem bl-elettriku u li jista' jaħdem bil-batterija wkoll.

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) tagħmir refriġeranti li s-sors prinċipali tal-enerġija tiegħu mhuwiex l-elettriku, imma fjuwils bħall-gass illikwifikat taż-żejt mhux raffinat (LPG), il-pitrolju u l-bijodiżil;

(b) tagħmir refriġeranti li jaħdem bil-batterija li jista' jitqabbad mad-dawl permezz ta' konverter AC/DC, li jinxtara separatament;

(c) tagħmir refriġeranti magħmul ta' darba u apposta għal użu partikolari (custom-made) u li mhux ekwivalenti għal mudelli oħra ta' tagħmir refriġeranti;

(d) tagħmir ta' refriġerazzjoni għal użu fis-settur terzjarju fejn it-tneħħija tal-oġġetti tal-ikel minn ġo fih tingħaraf elettronikament u dik l-informazzjoni tkun tista' tiġi trażmessa awtomatikament minn konnessjoni ta' netwerk lejn sistema ta' kontroll remota għal fini ta' kontabilità;

(e) tagħmir li l-funzjoni primarja tiegħu ma tkunx il-konservazzjoni ta' oġġetti tal-ikel permezz tar-refriġerazzjoni, pereżempju il-magni indipendenti li jipproduċu s-silġ jew id-dispensers tax-xarbiet imkessħin.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/30/UE, għandhom japplikaw ukoll dawn id-definizzjonijiet:

(1) "oġġetti tal-ikel" tfisser ikel, ingredjenti, xarbiet inkluż l-inbid u prodotti oħra bil-ħsieb ewlieni li jiġu kkunsmati u li jeħtieġu t-tkessiħ f'temperaturi speċifiċi;

(2) "tagħmir refriġeranti domestiku" tfisser armarju iżolat, b'kompartiment wieħed jew aktar, magħmul biex ikessaħ jew jiffriża oġġetti tal-ikel, jew għall-ħżin ta' oġġetti tal-ikel imkessħin jew iffriżati għal skopijiet mhux professjonali, imkessaħ permezz ta' proċess jew proċessi li jikkonsmaw l-enerġija, inkluż tagħmir li jinbiegħ bħala kitt li jintrama mill-utent aħħari;

(3) "tagħmir ingastat" tfisser tagħmir refriġeranti fiss magħmul biex jiġi installat f'armarju, fi spazju vojt f'ħajt jew f'xi post simili, u li jeħtieġ elementi oħra biex ikun komplet;

(4) "friġġ" tfisser tagħmir refriġeranti magħmul għall-preservazzjoni tal-oġġetti tal-ikel għall-anqas b'kompartiment wieħed għall-ħżin tal-ikel frisk u/jew xarbiet inkluż l-inbid;

(5) "tagħmir refriġeranti tat-tip bil-kompressjoni" (compression-type) tfisser tagħmir refriġeranti fejn ir-refriġerazzjoni ssir permezz ta' kumpressur li jaħdem b'mutur;

(6) "tagħmir refriġeranti tat-tip bl-assorbiment" (absorption-type) tfisser tagħmir refriġeranti fejn ir-refriġerazzjoni ssir permezz ta' proċess ta' assorbiment li juża s-sħana bħala s-sors tal-enerġija;

(7) "friġġ-friżer" tfisser tagħmir refriġeranti għall-anqas b'kompartiment wieħed fejn jinħażen l-ikel frisk u jkollu għall-anqas kompartiment wieħed għall-iffriżar tal-ikel frisk u l-ħżin tal-oġġetti tal-ikel iffriżati taħt il-kundizzjonijiet ta' ħżin bi "tliet stilel" (il-kompartimanet fejn jiġi ffriżat l-ikel);

(8) "armarju għall-ħżin tal-ikel iffriżat" tfisser tagħmir refriġeranti b'wieħed jew iktar kompartimenti magħmul għall-ħżin tal-oġġetti tal-ikel iffriżati;

(9) "friżer tal-ikel" tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu kompartiment wieħed jew aktar adegwati għall-iffriżar ta' oġġetti tal-ikel f'temperaturi li jvarjaw mit-temperatura tal-ambjent sa – 18 °C, u li jkun adegwat ukoll għall-ħżin ta' oġġetti tal-ikel iffriżati b'kundizzjonijiet ta' ħżin bi "tliet stilel"; friżer tal-ikel jista' jinkludi wkoll taqsimiet u/jew kompartimenti b' "żewġ stilel" ġewwa l-kompartiment jew l-armarju;

(10) "tagħmir għall-ħżin tal-inbid" tfisser tagħmir refriġeranti li ma għandux kompartiment ieħor għajr kompartiment wieħed jew iktar għall-ħżin tal-inbid;

(11) "tagħmir b'diversi użi" tfisser tagħmir refriġeranti li ma għandux kompartiment għajr kompartiment wieħed jew iktar li għandhom diversi użi;

(12) "tagħmir refriġeranti ekwivalenti domestiku" tfisser mudell ta' tagħmir refriġeranti domestiku li jitqiegħed fis-suq li jkollu l-istess volum gross, l-istess volum ta' ħżin, l-istess karatteristiċi tekniċi, ta' effiċjenza u ta' prestazzjoni, u l-istess tipi ta' kompartimenti bħal mudell ta' tagħmir refriġeranti ieħor imqiegħed fis-suq mill-istess manifattur iżda b'numru tal-kodiċi kummerċjali differenti;

(13) "utent aħħari" tfisser konsumatur li jixtri jew li hu mistenni jixtri tagħmir refriġeranti domestiku;

(14) "il-punt tal-bejgħ" tfisser il-post fejn it-tagħmir refriġeranti domestiku jitpoġġa għall-wiri jew jiġi offrut għall-bejgħ, għall-kiri jew biex jinxtara bin-nifs.

It-tifsiriet li jinsabu fl-Anness I għandhom japplikaw ukoll.

Artikolu 3

Responsabbiltajiet tal-forniturI

Il-fornituri għandhom jiżguraw li:

(a) kull tagħmir refriġeranti domestiku ikollu tikketta stampata fil-format u bil-kontenut kif stipulat fl-Anness II;

(b) ikun hemm disponibbli skeda tal-prodott kif stipulat fl-Anness III;

(c) fuq talba jkun hemm disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membru u l-Kummissjoni dokumentazzjoni teknika kif stipulat fl-Anness IV;

(d) kull reklamar għal mudell speċifiku ta' tagħmir refriġeranti domestiku ikun fih il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, jekk ir-reklam ikun qed jagħti informazzjoni relatata mal-enerġija jew mal-prezz;

(e) kull materjal tekniku ta' reklamar dwar mudell speċifiku ta' tagħmir refriġeranti domestiku li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi jkun fih il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' dak il-mudell.

Artikolu 4

Responsabbiltajiet tan-negozjanti

Il-bejjiegħa għandhom jiżguraw li:

(a) kull tagħmir refriġeranti domestiku, fil-punt tal-bejgħ, ikollu t-tikketta pprovduta mill-fornituri skont l-Artikolu 3(a) fuq il-faċċata jew fuq il-wiċċ ta' fuq tat-tagħmir, b'tali mod li tkun tidher ċar;

(b) it-tagħmir refriġeranti domestiku offrut għall-bejgħ, kiri jew xiri bin-nifs fejn l-utent aħħari ma jistax ikun mistenni li jara l-prodott muri jkun ikkummerċjalizzat bl-informazzjoni li għandha tingħata mill-fornituri skont l-Anness V;

(c) kull reklam għal mudell speċifiku ta' tagħmir refriġeranti domestiku ikun fih il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, jekk ir-reklamar ikun qed jagħti informazzjoni relatata mal-enerġija jew mal-prezz;

(d) kull materjal tekniku ta' reklamar dwar mudell speċifiku ta' tagħmir refriġeranti domestiku li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi jkun fih il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' dak il-mudell.

Artikolu 5

Metodi tal-kejl

L-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta fl-Artikolu 3 għandha tinkiseb permezz ta' proċeduri ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi l-iktar riċenti ta' kejl rikonoxxuti b'mod ġenerali, kif stipulat fl-Anness VI.

Artikolu 6

Proċedura tal-verifika għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura stipulata fl-Anness VII meta jevalwaw il-konformità tal-klassi dikjarata tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-konsum tal-enerġija annwali, il-volumi ta' ikel frisk u ffriżat, kemm it-tagħmir jiflaħ jiffriża u l-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja.

Artikolu 7

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tanalizza dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku mhux aktar tard minn erba' snin wara li jidħol fis-seħħ. Ir-reviżjoni għandha b'mod partikolari tevalwa t-tolleranzi tal-verifika tal-Anness VII u l-possibiltajiet għat-tneħħija jew għat-tnaqqis tal-valuri tal-fatturi tal-korrezzjoni li jinsabu fl-Anness VIII.

Artikolu 8

Revoka

Id-Direttiva 94/2/KE hija revokata mit-30 ta' Novembru 2011.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. L-Artikoli 3 (d) u (e) u l-Artikoli 4 (b), (c) u (d) ma għandhomx japplikaw għar-reklamar stampat u għal materjal tekniku ta' promozzjoni ppubblikat qabel it-30 ta' Marzu 2012.

2. It-tagħmir refriġeranti domestiku imqiegħed fis-suq qabel it-30 ta' Novembru 2012 għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 94/2/KE.

3. It-tagħmir refriġeranti domestiku li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u li jitqiegħed fis-suq jew li jiġi offrut għall-bejgħ, kiri jew xiri bin-nofs qabel it-30 ta' Novembru 2011 għandu jitqies konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 94/2/KE.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mit-30 ta' Novembru 2011. Madankollu, l-Artikolu 3 (d) u (e) u l-Artikolu 4 (b), (c) u (d) għandhom japplikaw mit-30 ta' Marzu 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS I

Tifsiriet applikabbli għall-finijiet tal-Annessi II sa IX

Għall-finijiet tal-Annessi II sa IX, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

(a) "sistema li ma tipproduċix silġ (frost-free)" tfisser sistema li topera awtomatikament biex ma tħallix silġ jifforma b'mod permanenti, fejn it-tkessiħ isir permezz ta' ċirkulazzjoni furzata tal-arja, is-silġ jitwaqqa' minn fuq l-evaporatur jew l-evaporaturi b'sistema awtomatika tat-twaqqigħ tas-silġ, u l-ilma prodott mit-twaqqigħ tas-silġ jintrema awtomatikament;

(b) "kompartiment mingħajr silġ" tfisser kwalunkwe kompartiment li s-silġ tiegħu jitwaqqa' permezz ta' sistema li ma tipproduċix silġ;

(c) "friġġ b'kompartiment b'temperatura moderata" tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu mill-inqas kompartiment wieħed għall-ħżin tal-ikel frisk u kompartiment ieħor b'temperatura moderata, iżda ebda kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat, għat-tkessiħ jew li fih isir is-silġ;

(d) "tagħmir b'temperatura moderata" tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu biss kompartiment b'temperatura moderata wieħed jew aktar;

(e) "friġġ-chiller" tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu mill-inqas kompartiment wieħed għall-ħżin tal-ikel frisk u kompartiment ieħor taċ-chiller, iżda ebda kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat;

(f) "kompartimenti" tfisser kwalunkwe wieħed mill-kompartimenti elenkati fil-punti (g) sa (n);

(g) "kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk" tfisser kompartiment magħmul għall-ħżin tal-ikel mhux iffriżat, li huwa stess ikun maqsum f'kompartimenti iżgħar;

(h) "kompartiment b'temperatura moderata" tfisser kompartiment magħmul għall-ħżin tal-oġġetti tal-ikel jew xorb partikolari f'temperatura ogħla minn dik ta' kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk;

(i) "kompartiment għat-tkessiħ" tfisser kompartiment magħmul speċifikament għall-ħżin tal-oġġetti tal-ikel li jeħżienu malajr;

(j) "kompartiment li fih isir is-silġ" tfisser kompartiment li jkollu temperatura baxxa u li jkun magħmul speċifikament għall-iffriżar u l-ħżin tas-silġ;

(k) "kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat" tfisser kompartiment li jkollu temperatura baxxa u li jkun magħmul speċifikament għall-ħżin tal-oġġetti tal-ikel iffriżati u kklassifikat skont it-temperatura kif ġej:

(i) "kompartiment bi stilla waħda": kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat fejn it-temperatura ma tkunx ogħla minn -6 °C;

(ii) "kompartiment b'żewġ stilel": kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat fejn it-temperatura ma tkunx ogħla minn -12 °C;

(iii) "kompartiment bi tliet stilel": kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat fejn it-temperatura ma tkunx ogħla minn -18 °C;

(iv) "kompartiment għall-iffriżar tal-ikel" (jew "kompartiment b'erba' stilel"): kompartiment li jkun adegwat għall-iffriżar ta' mill-inqas 4,5 kg ta' oġġetti tal-ikel għal kull 100 l ta'volum ta' ħżin, u fl-ebda każ ta' inqas minn 2 kg, mit-temperatura tal-ambjent sa -18 °C f'perjodu ta' 24 siegħa, li jkun adegwat ukoll għall-ħżin ta' ikel iffriżat b'kundizzjonijiet ta' ħżin bi tliet stilel, u li fil-kompartiment jista' jkollu taqsimiet b' żewġ stilel;

(v) "kompartiment 0-stilel": kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat li jkollu temperatura ta' < 0 °C u li jista' jintuża għall-iffriżar u l-ħżin tas-silġ iżda mhux magħmul għall-ħżin tal-oġġetti tal-ikel li jeħżienu malajr;

(l) "kompartiment għall-ħżin tal-inbid" tfisser kompartiment li jkun ġie magħmul esklussivament biex l-inbid jinżamm fih għal perjodu ta' żmien qasir sakemm jilħaq l-aħjar temperatura għax-xorb jew biex l-inbid jinżamm fih għal perjodu ta' żmien twil sakemm jimmatura, u li jkollu dawn il-karatteristiċi:

(i) temperatura tal-ħżin kontinwu, issettjata minn qabel mill-manifattur jew issettjata manwalment skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, fil-medda ta' bejn + 5 °C u + 20 °C;

(ii) temperatura(i) tal-ħżin li maż-żmien tvarja/ivarjaw b'anqas minn 0,5 K f'kull temperatura tal-ambjent iddikjarata speċifikata skont il-klassi klimatika tat-tagħmir refriġeranti domestiku;

(iii) kontroll attiv jew passiv tal-umdità fil-kompartiment f'medda ta' bejn 50 % u 80 %;

(iv) magħmul biex inaqqas it-trażmissjoni tal-vibrazzjoni lejn il-kompartiment, kemm min-naħa tal-kumpressur tat-tagħmir refriġeranti kif ukoll min-naħa ta' kwalunkwe sors estern;

(m) "kompartiment b'diversi użi" tfisser kompartiment magħmul biex jintuża f'żewġ temperaturi jew aktar tal-kompartimenti u li jkun jista' jiġi ssettjat mill-utent aħħari b'mod li jżomm kontinwament il-medda ta' temperaturi ta' operazzjoni applikabbli għal kull tip ta' kompartiment skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur; madankollu, jekk xi funzjoni tippermetti li t-temperaturi ta' kompartiment ikunu jistgħu jinbidlu għal medda ta' temperaturi ta' operazzjoni differenti għal perjodu ta' żmien limitat biss (bħall-funzjoni ta' ffriżar rapidu) il-kompartiment mhuwiex "kompartiment b'diversi użi" kif imfisser f'dan ir-Regolament;

(n) "kompartiment ieħor" tfisser kompartiment, li mhux kompartiment għall-ħżin tal-inbid, magħmul għall-ħżin tal-oġġetti tal-ikel partikolari f'temperaturi ogħla minn + 14 °C;

(o) "taqsima b'żewġ stilel" tfisser parti minn friżer tal-ikel, kompartiment għall-iffriżar tal-ikel, kompartiment bi tliet stilel jew armarju għall-ħżin tal-ikel iffriżat b'kundizzjonijiet ta' tliet stilel li ma jkollhomx bieb jew għatu tagħhom u li t-temperatura tagħhom ma tkunx ogħla minn -12 °C;

(p) "chest freezer" tfisser friżer tal-ikel li l-kompartiment/i tiegħu jkun/u aċċessibbli min-naħa ta' fuq tat-tagħmir jew li jkollu kompartimenti tat-tip li jinfetħu minn fuq u oħrajn tat-tip li jinfetħu min-naħa ta' quddiem iżda fejn il-volum gross tal-kompartiment/i li jinfetaħ/jinfetħu minn fuq ikun ogħla minn 75 % tal-volum gross totali tat-tagħmir;

(q) "tat-tip li jinfetħu minn fuq" jew "tat-tip chest" tfisser tagħmir refriġeranti li l-kompartiment/i tiegħu jkun/u aċċessibbli min-naħa ta' fuq tat-tagħmir;

(r) "tat-tip li jinfetħu minn quddiem (upright)" tfisser tagħmir refriġeranti li l-kompartiment/i tiegħu jkun/u aċċessibbli min-naħa ta' quddiem fuq tat-tagħmir;


(s) "iffriżar rapidu" tfisser funzjoni riversibbli li l-utent aħħari jista' jattiva skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur biex inaqqas it-temperatura tal-ħżin tal-friżer jew tal-kompartiment tal-friżer biex jiffriża l-oġġetti tal-ikel mhux iffriżati fi żmien iqsar;

(t) "identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell ta' tagħmir refriġeranti speċifiku minn mudelli oħra li jkollhom l-istess trejdmark jew l-istess isem ta' fornitur.

ANNESS II

Tikketta

1. TIKKETTA GĦAT-TAGĦMIR REFRIĠERANTI DOMESTIKU IKKLASSIFIKAT FI KLASSIJIET TAL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA A+++ SA C



(1) L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fit-tikketta:

I. l-isem tal-fornitur jew il-trejdmark.

II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;

III. il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ddeterminata skont l-Anness IX; it-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiku għandu jitpoġġa fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija rilevanti.

IV. il-konsum annwali tal-enerġija (AE_C) espress f'kWh kull sena aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 3(2) tal-Anness VIII;

V it-total tal-volumi ta' ħżin tal-kompartimenti kollha li ma jistħoqqilhomx jiġu kklassifikati f'kategorija ta' stilel (jiġifieri temperatura ta' operazzjoni > – 6 °C) aġġustat sal-eqreb numru sħiħ;

VI. it-total tal-volumi ta' ħżin tal-kompartimenti kollha għall-ħżin tal-ikel iffriżat li jistħoqqilhom jiġu kklassifikati f'kategorija ta' stilel (jiġifieri t-temperatura li topera ≤ – 6 °C), aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u l-klassifikazzjoni tal-kompartiment bl-ikbar sehem minn dak it-total f'kategorija ta' stilel; f'każ li t-tagħmir refriġeranti domestiku ma għandux kompartiment(i) għall-ħżin tal-ikel iffriżat il-fornitur għandu jiddikjara "- L" minflok xi valur u jħalli l-pożizzjoni għall-klassifikazzjoni tal-istilel vojta;


VII. emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja espressi f'dB(A) re1 pW, aġġustati sal-eqreb numru sħiħ.

Madankollu, għat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid, il-punti V u VI huma mibdula mill-kapaċità nominali li tkun ikklassifikata f'għadd ta' fliexken ta' kapaċità standard ta' 75 ċentilitru li hemm post għalihom fit-tagħmir skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

(2) Id-disinn tal-ekotikketta għandu jkun skont il-punt 3(1) ta' dan l-Anness. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-Unjoni Ewropea" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], tista' tingħata wkoll kopja tal-Ekotikketta tal-UE.

[1] ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

2. TIKKETTA GĦAT-TAGĦMIR REFRIĠERANTI DOMESTIKU IKKLASSIFIKAT FI KLASSIJIET TAL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA D SA G




(1) Din it-tikketta għandha tinkludi l-informazzjoni elenkata fil-punt 1(1).

(2) Id-disinn tal-ekotikketta għandu jkun skont il-punt 3(2) ta' dan l-Anness. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-Unjoni Ewropea" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, tista' tingħata wkoll kopja tal-Ekotikketta tal-UE.

3. DISINN TAT-TIKKETTA

(1) Għat-tagħmir refriġeranti domestiku ikklassifikat fi klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija A+++ to C, ħlief għat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid, id-disinn tat-tikketta għandu jkun kif ġej:


5 mm
5 mm
5 mm
5 mm
3
14 mm
14 mm
ENERG
енергия · ενεργεια
Y
IJA
IE
IA
1
2
12
14
13
4
I
II
7 mm
A+++
A++
A+
A
B
C
D
A++
6
14 mm
5
ENERGIA · ЕНЕРГИЯ
ENEPГEIA · ENERGIJA
ENERGY · ENERGIE · ENERGI
7
XYZ
kWh/annum
8
1L
XYZ L
YZ L
YZ dB
9
10
15
2010/1060
5 mm
5 mm
5 mm
5 mm
11
110 mm
220 mm

Billi:

(a) It-tikketta għandha tkun mill-inqas 110 mm wiesgħa u 220 mm twila. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format akbar, il-kontenut tagħha xorta waħda jibqa' proporzjonat għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fuq.

(b) L-isfond tat-tikketta għandu jkun abjad.

(c) Il-kuluri għandhom ikunu CMYK - cyan, maġenta, isfar, u iswed – skont dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed.

(d) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għad-dijagramma li tidher hawn fuq):

❶ **Il-linja tal-bordura tat-tikketta tal-UE:** 5 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

❷ **Il-logo tal-UE** – kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

❸ **It-tikketta tal-enerġija:** kulur: X-00-00-00.

Pittogramma kif murija: Il-logo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija: wisa': 92 mm, tul: 17 mm.

❹ **Linja tal-bordura tal-logos iż-żgħar:** 1 pt – kulur: Cyan 100 % – tul: 92.5 mm.

❺ **Skala A-G**

— **Vleġġa:** għoli: 7 mm, spazju bejn vleġġa u oħra: 0,75 mm – kuluri:

L-ogħla klassi: X-00-X-00,

It-tieni klassi: 70-00-X-00,

It-tielet klassi: 30-00-X-00,

Ir-raba' klassi: 00-00-X-00,

Il-ħames klassi: 00-30-X-00,

Is-sitt klassi: 00-70-X-00,

L-aħħar klassi: 00-X-X-00.

— **Test:** Calibri tipa skura 19 pt, b'ittri kbar, abjad; "+" simboli: Calibri bold 13 pt, b'ittri kbar, abjad, allinejati fuq ringiela waħda.

❻ **Il-klassi tal-effiċjenza tal-uzu tal-enerġija**

— **Vleġġa:** wisa': 26 mm, għoli: 14 mm, 100 % iswed;

— **Test:** Calibri tipa skura 29 pt, b'ittri kbar, abjad; "+" simboli: Calibri bold 18 pt, b'ittri kbar, abjad u allinejati fuq ringiela waħda.

❼ **Enerġija**

— **Test:** Calibri regular 11 pt, ittri kapitali, iswed.

❽ **Konsum annwali tal-enerġija,**

— **Bordura:** 3 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri tipa skura 45 pt, 100 % iswed;

— **It-tieni linja:** Calibri regolari 17 pt, 100 % iswed;

❾ **Volumi ta' ħżin tal-kompartimenti kollha li ma jistħoqqilhomx jiġu kklassifikati f'kategorija ta' stilel:**

— **Bordura:** 3 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri tipa skura 25 pt 100 % iswed; Calibri regolari 17 pt, 100 % iswed;

❿ **Emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja:**

— **Bordura:** 3 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri bold 25 pt 100 % iswed;

Calibri regolari 17 pt, 100 % iswed;

⓫ **Volumi ta' ħżin tal-kompartimenti kollha għall-ħżin tal-ikel iffriżat li jistħoqqilhom jiġu kklassifikati f'kategorija ta' stilel:**

— **Bordura:** 3 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri bold 25 pt, 100 % iswed;

Calibri regolari 17 pt, 100 % iswed;

⓬ **L-isem tal-fornitur jew il-trejdmark**


⓭ **L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur**

⓮ Isem il-fornitur jew tal-trejdmark u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 90 x 15 mm.

⓯ **Innumerar tar-Regolament**

Test: Calibri tipa skura 11 pt.

(2) Għat-tagħmir refriġeranti domestiku ikklassifikat fi klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija D sa G, ħlief għat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid, id-disinn tat-tikketta għandu jkun kif ġej:


5 mm
5 mm
5 mm
5 mm
3
4 mm
4 mm
ENERG
енергия · ενεργεια
Y
IJA
IE
IA
1
2
12
14
13
4
7 mm
A+++
A++
A+
A
B
C
D
E
F
G
A++
6
14 mm
5
ENERGIA · ЕНЕРГИЯ · ЕΝΕΡΓΕΙΑ
ENERGIJA · ENERGY · ENERGIE
ENERGI
7
XYZ
kWh/annum
8
1L
XYZ L
YZ L
YZ dB
9
10
15
2010/1060
11
220 mm
5 mm
5 mm
5 mm
5 mm
110 mm

Billi:

Id-disinn tal-ekotikketta għandu jkun skont il-punt 3(1) ta' dan l-Anness ħlief għall-punt numru 8 fejn għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:


❽ **Konsum annwali tal-enerġija:**

— **Bordura:** 3 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri tipa skura 32 pt, 100 % iswed;

— **It-tieni linja:** Calibri regolari 14 pt, 100 % iswed;

(3) Għat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid, id-disinn tat-tikketta għandu jkun bħal dak li jidher hawn taħt:


5 mm
5 mm
5 mm
5 mm
3
4 mm
4 mm
ENERG
енергия · ενεργεια
Y
IJA
IE
IA
1
2
11
13
12
4
I
II
7 mm
A+++
A++
A+
A
B
C
D
E
F
G
A++
14 mm
6
5
ENERGIA · ЕНЕРГИЯ · ЕΝΕΡΓΕΙΑ
ENERGIJA · ENERGY · ENERGIE
ENERGI
7
XYZ
kWh/annum
8
xXYZ
YZ dB
14
2010/1060
9
10
220 mm
110 mm

Billi:

(a) It-tikketta għandha tkun mill-inqas wiesgħa 110 mm u twila 220 mm. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format akbar, il-kontenut tagħha xorta waħda jibqa' proporzjonat għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fuq.

(b) L-isfond tat-tikketta għandu jkun abjad.

(c) Il-kuluri għandhom ikunu CMYK - cyan, maġenta, isfar, u iswed – skont dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed.

(d) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għad-dijagramma li tidher hawn fuq):

❶ **Il-linja tal-bordura tat-tikketta tal-UE:** 5 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

❷ **Il-logo tal-UE** – kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

❸ **It-tikketta tal-enerġija:** kulur: X-00-00-00.

Pittogramma kif murija: Il-logo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija: wisa': 92 mm, għoli: 17 mm.

❹ **Linja tal-bordura tal-logos iż-żgħar:** 1 pt – kulur: Cyan 100 % – tul: 92,5 mm.

❺ **Skala A-G**

— **Vleġġa:** għoli: 7 mm, spazju bejn vleġġa u oħra: 0,75 mm – kuluri:

L-ogħla klassi: X-00-X-00,

It-tieni klassi: 70-00-X-00,

It-tielet klassi: 30-00-X-00,

Ir-raba' klassi: 00-00-X-00,

Il-ħames klassi: 00-30-X-00,

Is-sitt klassi: 00-70-X-00,

L-aħħar klassi(jiet): 00-X-X-00.

— **Test:** Calibri bold 19 pt, b'ittri kbar, abjad; "+" simboli: Calibri bold 13 pt, b'ittri kbar, abjad, allinejati fuq ringiela waħda.

❻ **Il-klassi tal-effiċjenza tal-uzu tal-enerġija**

— **Vleġġa:** wisa': 26 mm, għoli: 14 mm, 100 % iswed;

— **Test:** Calibri tipa skura 29 pt, b'ittri kbar, abjad; "+" simboli: Calibri tipa skura 18 pt, b'ittri kbar, abjad, allinejati fuq ringiela waħda.

❼ **Enerġija**

— **Test:** Calibri regolari 11 pt, ittri kapitali, iswed.

❽ **Konsum annwali tal-enerġija:**

— **Bordura:** 2 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri tipa skura 30 pt, 100 % iswed;

— **It-tieni linja:** Calibri regolari 14 pt, 100 % iswed;

❾ **Kapaċità nominali f'għadd ta' fliexken tal-inbid li jkollhom kapaċità standard:**

— **Bordura:** 2 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri bold 28 pt, 100 % iswed;

Calibri regolari 15 pt, 100 % iswed;

❿ **Emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja:**

— **Bordura:** 2 pt – kulur: Cyan 100 % – kantunieri tondi: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri tipa skura 25 pt, 100 % iswed;

Calibri regolari 17 pt, 100 % iswed;

⓫ **L-isem tal-fornitur jew il-trejdmark**

⓬ **L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur**

⓭ Isem il-fornitur jew tal-trejdmark u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 90 x 15 mm

⓮ **Innumerar tar-Regolament:**

Test: Calibri tipa skura 11 pt.

ANNESS III

Skeda tal-prodott

1. L-informazzjoni fl-iskeda tal-prodott tat-tagħmir refriġeranti domestiku għandha tingħata fl-ordni li ġej u għandha tkun inkluża fil-fuljett tal-prodott jew f'letteratura oħra mogħtija mal-prodott.

   (a) isem il-fornitur jew it-trejdmark;

   (b) l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur kif imfisser fl-Anness I, punt (t).

   (c) il-kategorija tal-mudell tat-tagħmir refriġeranti domestiku skont il-punt 1 tal-Anness VIII;

   (d) il-klassi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-mudell skont l-Anness IX;

   (e) fejn il-mudell ikun ingħata l-"Ekotikketta tal-UE" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, din l-informazzjoni tista' tiġi inkluża;

   (f) il-konsum annwali tal-enerġija (AE_C) espress f'kWh kull sena, aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 3(2) tal-Anness VIII. Dan għandu jkun deskritt bħala: "Konsum ta' enerġija 'XYX' kWh fis-sena, ibbażat fuq riżultati ta' test standard għal 24 siegħa. Il-konsum propju ta' enerġija jiddependi fuq kif se jiġi użat it-tagħmir u fuq il-post ta' tqegħid tiegħu";

   (g) il-volum ta' ħżin ta' kull kompartiment u l-klassifikazzjoni applikabbli f'kategorija ta' stilel skont il-punt 1(1) VI tal-Anness II, jekk huwa l-każ.

   (h) it-temperatura tad-disinn tal-"kompartimenti l-oħra" fit-tifsira tal-punt (n) tal-Anness I. Għall-ħżin tal-inbid fit-tagħmir, għandha tingħata t-temperatura l-iktar kiesħa għall-ħżin, kemm jekk tkun issettjata minn qabel u kemm jekk tkun tista' tiġi ssettjata minn utent aħħari u tkun tista' tinżamm b'mod kontinwu skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

   (i) il-kliem "ma tipproduċix silġ" għall-kompartiment(i) rilevanti, kif imfisser fil-punt (b) tal-Anness I;

   (j) "awtonomija tal-konservazzjoni tal-enerġija għal 'X' sigħat" tfisser "il-ħin li ddum tielgħa t-temperatura";

   (k) "il-kapaċità li tiffriża" f'kg kull 24 siegħa;

   (l) "il-klassi klimatika" skont il-punt 1 tat-Tabella 3 tal-Anness VI, u espressa bħala: "Klassi klimatika: W [*il-klassi klimatika*]. Dan it-tagħmir huwa magħmul sabiex jintuża f'temperatura tal-ambjent li tkun bejn 'X' [*l-iktar temperatura baxxa*] °C u 'X' [*l-ogħla temperatura*] °C";

   (m) l-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja espressi f'dB(A) re1 pW, aġġustati sal-eqreb numru sħiħ;

   (n) f'każ li l-mudell huwa magħmul sabiex ikun ingastat, indikazzjoni ta' dan l-effett;

   (o) għat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid, għandha tiddaħħal l-informazzjoni li ġejja: 'Dan it-tagħmir huwa iddisinjat għall-użu esklussiv tal-ħżin tal-inbid'. Dan il-punt ma għandux japplika għat-tagħmir refriġeranti domestiku li mhuwiex magħmul speċifikament għall-ħżin tal-inbid imma jista' madankollu jkun użat għal dan il-għan jew għat-tagħmir refriġeranti domestiku li għandu kompartiment għall-ħżin tal-inbid kif ukoll xi tip ta' kompartiment ieħor.

2. Fiche waħda tista' tkopri għadd ta' mudelli ta' tagħmir refriġeranti fornuti mill-istess fornitur.

3. L-informazzjoni fl-iskeda tista' tingħata f'forma ta' kopja tat-tikketta, bil-kulur jew bl-abjad u l-iswed. Fejn dan ikun il-każ, l-informazzjoni mniżżla fil-punt 1 li mhux diġà tidher fuq it-tikketta għandha tingħata wkoll.

ANNESS IV

Dokumentazzjoni teknika

1. Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(c) għandha tinkludi:

   (a) isem u indirizz il-fornitur;

   (b) deskrizzjoni ġenerali tal-mudell tat-tagħmir refriġeranti, li ma tħalli l-ebda dubju u li hija identifikata faċilment;

   (c) fejn xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati applikati;

   (d) fejn xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;

   (e) identifikazzjoni u firma tal-persuna awtorizzata li torbot lill-fornitur;

   (f) parametri tekniċi għall-kejl, stabbiliti skont l-Anness VIII:

      (i) dimensjonijiet globali;

      (ii) spazju globali meħtieġ għall-użu;

      (iii) Il-volum(i) gross totali;

      (iv) il-volum(i) tal-ħżin u volum(i) totali tal-ħżin;

      (v) il-klassifikazzjoni (klassifikazzjonijiet) tal-kompartimenti għall-ħżin tal-ikel iffriżat f'kategorija ta' stilel;

      (vi) it-tip tat-twaqqigħ tas-silġ;

      (vii) it-temperatura tal-ħżin;

      (viii) konsum ta' enerġija;

      (ix) il-ħin li jittieħed sabiex togħla t-temperatura;

      (x) il-kapaċità li tiffriża;

      (xi) il-konsum tal-qawwa elettrika;

      (xii) l-umdità fil-kompartiment għall-ħżin tal-inbid;

      (xiii) emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja;

   (g) riżultati tal-kalkoli mwettqa skont l-Anness VIII.

2. Fejn l-informazzjoni li tkun inkluża fil-fajl tad-dokumentazzjoni teknika għal mudell ta' tagħmir refriġeranti partikolari domestiku tkun inkisbet permezz ta' kalkoli msejsa fuq id-disinn, jew fuq l-estrapolazzjoni minn tagħmir refriġeranti ekwivalenti ieħor, jew mit-tnejn, id-dokumentazzjoni għandha tinkludi dettalji ta' dawn il-kalkoli jew l-estrapolazzjonijiet, jew it-tnejn, u tat-testijiet li jkunu saru mill-fornituri sabiex jivverifikaw il-preċiżjoni tal-kalkoli li jsiru. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll lista tal-mudelli l-oħra kollha ta' tagħmir refriġeranti domestiku li huma ekwivalenti fejn l-informazzjoni tkun inkisbet fuq l-istess sisien.

ANNESS V

Informazzjoni li għandha tingħata f'każijiet fejn l-utenti aħħarin ma jistgħux ikunu mistennija li jaraw il-prodott muri

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(b) għandha tkun ipprovduta fl-ordni li ġejja:

   (a) il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-mudell kif imfissra fl-Anness IX;

   (b) il-konsum annwali tal-enerġija espress f'kWh kull sena, aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 3(2) tal-Anness VIII;

   (c) il-volum ta' ħżin ta' kull kompartiment u l-klassifikazzjoni applikabbli f'kategorija ta' stilel skont il-punt 1(1) VI tal-Anness II, jekk huwa l-każ;

   (d) "il-klassi klimatika" skont il-punt 1 tat-Tabella 3 tal-Anness VIII;

   (e) l-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja espressi f'dB(A) re1 pW, aġġustati sal-eqreb numru sħiħ;

   (f) f'każ li l-mudell huwa magħmul sabiex ikun ingastat, indikazzjoni ta' dan;

   (g) għat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid, għandha tiddaħħal l-informazzjoni li ġejja: 'Dan it-tagħmir huwa iddisinjat għall-użu esklussiv tal-ħżin tal-inbid'. Dan il-punt ma għandux japplika għat-tagħmir refriġeranti domestiku li mhuwiex magħmul speċifikament għall-ħżin tal-inbid imma jista' madankollu jkun użat għal dan il-għan jew għat-tagħmir refriġeranti domestiku li għandu kompartiment għall-ħżin tal-inbid kif ukoll xi tip ta' kompartiment ieħor.

2. Fejn tingħata wkoll informazzjoni oħra li tinsab fl-iskeda dwar il-prodott, din għandha tkun fil-forma u fl-ordni speċifikati fl-Anness III.

3. Id-daqs u t-tipa, li bihom tkun stampata jew murija l-informazzjoni kollha msemmija f'dan l-Anness, għandha tkun leġibbli.

ANNESS VI

Kejl

1. Għall-fini tal-konformità mar-rekwiżiti u tal-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kejl għandu jitwettaq permezz ta' proċedura ta' kejl affidabbli, preċiża u riproduċibbli, li tqis il-metodi ta' kejl l-aktar reċenti u avvanzati ġeneralment rikonoxxibbli, inkluż il-metodi stipulati f'dokumenti li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-ITTESTJAR

Japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin għall-ittestjar ġenerali:

(1) f'każ li t-tagħmir ikun armat b'reżistenzi li ma jħallux il-kondensazzjoni tifforma u li jista' jinxteħel u jintefa mill-utent aħħari, dawn ir-reżistenzi għandhom jinxteħlu u - jekk ikunu jistgħu jiġu aġġustati - jiġu ssettjati fil-pożizzjoni ta' tisħin massimu;

(2) jekk it-tagħmir ikun armat b' "funzjonijiet operabbli minn fuq il-bieb" tagħhom (bħad-dispensers tas-silġ jew tal ilma/xorb imkessaħ) u li jkunu jistgħu jinxteħlu jew jintfew mill-utent aħħari, dawn għandhom jinżammu mixgħulin waqt li jittieħed il-kejl tal-konsum tal-enerġija iżda ma jintużawx;

(3) fit-tagħmir u kompartimenti b'diversi użi, it-temperatura tal-ħżin waqt li jittieħed il-kejl tal-konsum tal-enerġija għandha tkun it-temperatura nominali tat-tip ta' kompartiment l-aktar kiesaħ kif iddikjarat għall użu kontinwu normali skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

(4) il-konsum tal-enerġija ta' tagħmir refriġeranti għandu jkun iddeterminat bl-aktar konfigurazzjoni kiesħa, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur għall-użu normali kontinwu għal kwalunkwe "kompartiment ieħor" kif imfisser fit-Tabella 5 tal-Anness VIII.

3. PARAMETRI TEKNIĊI

Għandhom ikunu stabbiliti l-parametri li ġejjin:

(a) "dimensjonijiet globali", li huma mkejla sal-eqreb millimetru;

(b) "spazju globali meħtieġ għall-użu", imkejjel sal-eqreb millimetru;

(c) "volum(i) gross totali", li huwa mkejjel sal-eqreb numru sħiħ ta' deċimetri kubi jew f'litri;

(d) "volum(i) għall-ħżin u volum(i) totali għall-ħżin", li huma mkejla sal-eqreb numru sħiħ ta' deċimetri kubi jew f'litri;

(e) "it-tip tat-twaqqigħ tas-silġ";

(f) "it-temperatura tal-ħżin";

(g) "il-konsum tal-enerġija" li huwa espress f'sigħat ta' kilowatts kull 24 siegħa (kWh kull 24 siegħa), sa tliet ċifri wara l-punt deċimali;

(h) "il-ħin li jittieħed sabiex togħla t-temperatura",

(i) "il-kapaċità tal-iffriżar";

(j) "l-umdità fil-kompartiment għall-ħżin tal-inbid", li tiġi indikata bħala perċentwali aġġustat sal-eqreb numru sħiħ; kif ukoll

(k) "emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja".

ANNESS VII

Proċedura tal-verifika għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq

Għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw unità waħda ta' tagħmir refriġeranti domestiku. F'każ li l-parametri mkejla ma jaqblux mal-valuri ddikjarati mill-fornitur fil-firxa mfissra fit-Tabella 1, il-kejl għandu jsir fuq tliet unitajiet oħra ta' tagħmir refriġeranti domestiku. Il-medja aritmetika tal-valuri mkejla ta' dawn it-tliet unitajiet ta' tagħmir refriġeranti domestiku għandha taqbel mar-rekwiżiti li hemm fil-firxiet imfissra fit-Tabella 1.

Jekk ma taqbilx, il-mudell u l-mudelli ekwivalenti l-oħra kollha ta' tagħmir refriġenti domestiku għandhom jitqiesu bħala mudelli li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti.

Minbarra l-proċedura stipulata fl-Anness VI, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw proċeduri ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar reċenti u avvanzati ġeneralment rikonoxxibbli, inkluż il-metodi stipulati f'dokumenti li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Tabella 1

Parametri mkejla	Tolleranzi tal-verifika
Il-volum gross nominali	Il-valur imkejjel ma għandux ikun inqas mill-valur nominali (*) b'iktar minn 3 % jew 1 l, skont liema hu l-ikbar valur.
Il-volum tal-ħżin nominali	Il-valur imkejjel ma għandux ikun inqas mill-valur nominali b'aktar minn 3 % jew 1 l, skont ma jkun l-ogħla valur. Meta l-utent ikun jista' jibdel il-volumi rispettivi tal-kompartiment b'temperatura moderata u tal-kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk, din l-inċertezza fil-kejl tapplika meta l-kompartiment b'temperatura moderata jiċċekken għall-volum minimu tiegħu.
Kapaċità tal-iffriżar	Il-valur imkejjel ma għandux ikun inqas mill-valur nominali b'iktar minn 10 %.
Konsum ta' enerġija	Il-valur imkejjel ma għandux ikun ikbar mill-valur nominali (E_{24h}) b'iktar minn 10 %.
Tagħmir għall-ħżin tal-inbid	Il-valur imkejjel tal-umdità relattiva ma għandux jaqbeż il-firxa nominali b'iktar minn 10 %.
Emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja	Il-valur imkejjel għandu jilħaq il-valur nominali.

(*) "valur nominali" tfisser il-valur iddikjarat mill-manifattur.

ANNESS VIII

Klassifikazzjoni tat-tagħmir refriġeranti domestiku, metodu għall-kalkolu tal-volum ekwivalenti u l-Indiċi tal-Effiċjenza fl-użu tal-Enerġija

1. KLASSIFIKAZZJONI TAT-TAGĦMIR REFRIĠERANTI DOMESTIKU

It-tagħmir refriġeranti domestiku huwa kklassifikat f'kategoriji kif elenkat fit-Tabella 1.

Kull kategorija hija mfissra skont il-kompożizzjoni tal-kompartimenti speċifiċi kif speċifikat fit-Tabella 2 irrelevanti minn kemm huwa l-għadd ta' bibien u/jew ta' kxaxen.

Tabella 1

Kategoriji għat-tagħmir refriġeranti domestiku

Kategorija	Tismija
1	Friġġ b'kompartiment wieħed jew iktar għall-ħżin tal-ikel frisk
2	Friġġ b'kompartiment b'temperatura moderata, tagħmir b'temperatura moderata għall-ħżin tal-inbid
3	Friġġ-chiller u friġġ b'kompartimenti b'0-stilel
4	Friġġ b'kompartiment bi stilla waħda
5	Friġġ b'kompartiment b'2 stilel
6	Friġġ b'kompartiment bi 3 stilel
7	Friġġ-friżer
8	Friżer li jinfetaħ minn quddiem
9	Chest friżer
10	Friġġ b'diversi użi u tagħmir refriġerenti ieħor

Tagħmir refriġerenti domestiku li ma jistax jiġi kklassifikat f'kategoriji 1 sa 9 minħabba li t-temperatura tal-kompartimenti hija kklassifikata fil-kategorija 10.

Tabella 2

Klassifikazzjoni tat-tagħmir refriġeranti domestiku u l-kompożizzjoni rilevanti tal-kompartiment

Temperatura nominali (għall-EEI) (°C)	Disinn T	+ 12	+ 12	+ 5	0	0	– 6	– 12	– 18	– 18	Kategorija (numru)
Tipi ta' kompartimenti	Oħrajn	Għall-ħżin tal-inbid	Għall-fliexken	Għall-ħżin tal-ikel frisk ħażna	Kompartiment	0star/Li fih isir is-silġ	bi stilla waħda	b'2 stilel	bi 3 stilel	b'4 stilel	
Kategorija tat-tagħmir	Kompożizzjoni tal-kompartimenti										
Friġġ b'kompartiment wieħed jew iktar għall-ħżin tal-ikel frisk	L	L	L	I	L	L	L	L	L	L	1
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT B'TEMPERATURA MODERATA, KOMPARTIMENT B'TEMPERATURA MODERATA u TAGĦMIR GĦALL-ĦŻIN TAL-INBID	MO	MO	MO	I	L	L	L	L	L	L	2
	MO	MO	I	L	L	L	L	L	L	L	
	L	I	L	L	L	L	L	L	L	L	
FRIĠĠ-CHILLER u FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT B'0-STILEL	MO	MO	MO	I	I	MO	L	L	L	L	3
	MO	MO	MO	I	MO	I	L	L	L	L	
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT BI STILLA WAĦDA	MO	MO	MO	I	MO	MO	I	L	L	L	4
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT B'2-STILEL	MO	MO	MO	I	MO	MO	MO	I	L	L	5
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT B'3-STILEL	MO	MO	MO	I	MO	MO	MO	MO	I	L	6
FRIĠĠ-FRIŻER	MO	MO	MO	I	MO	MO	MO	MO	MO	I	7
FRIŻER LI JINFETAĦ MINN QUDDIEM	L	L	L	L	L	L	L	MO	(Y) [a]	I	8
CHEST FRIŻER	L	L	L	L	L	L	L	O	L	I	9
KOMPARTIMENTI B'DIVERSI UŻI U TAGĦMIR IEĦOR	MO	MO	MO	MO	MO	MO	MO	MO	MO	MO	10

Noti:

I = għandu kompartiment; L = ma għandux kompartiment; MO – mhux obbligatorju li jkollu kompartiment;

[a] tinkludi wkoll armarji għall-iffriżar tal-ikel bi 3 stilel.

Tagħmir refriġeranti domestiku huwa kklassifikat f'waħda jew iktar klassijiet klimatiċi kif speċifikat fit-Tabella 3.

Tabella 3

Klassijiet klimatiċi

Klassi	Simbolu	Temperatura medja tal-ambjent °C
Temperatura moderata estiża	SN	+ 10 sa + 32
Temperatura moderata	N	+ 16 sa + 32
Temperatura subtropikali	ST	+ 16 sa + 38
Temperatura tropikali	T	+ 16 sa + 43

It-tagħmir refriġeranti għandu jkollu l-kapaċità li jżomm it-temperaturi ta' ħżin meħtieġa fid-diversi kompartimenti fl-istess ħin u fil-limitu permess ta' devjazzjoni tat-temperatura (matul iċ-ċiklu tat-twaqqigħ tas-silġ) kif speċifikat fit-Tabella 4 għat-tipi differenti ta' tagħmir refriġeranti domestiku u għall-klassijiet klimatiċi xierqa.

It-tagħmir u l-kompartimenti b'diversi użi għandhom ikollhom il-kapaċità li jżommu t-temperaturi ta' ħżin meħtieġa fid-diversi tipi ta' kompartimenti meta dawn it-temperaturi jkunu jistgħu jiġu ssettjati mill-utent aħħar skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

Tabella 4

Temperaturi għall-ħżin

Temperaturi għall-ħżin (°C)							
Kompartiment iehor	Kompartiment għall-ħżin tal-inbid	Kompartiment b'temperatura moderata	Kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk	Kompartiment għat-tkessiħ	Kompartiment bi stilla waħda	Kompartiment/taqsima b'żewġ stilel:	Friżer għall-ikel u kompartiment/ armarju bi tliet stilel:
t_{om}	t_{wma}	t_{cm}	t_{1m}, t_{2m}, t_{3m}, t_{ma}	t_{cc}	t*	t**	t***
> + 14	+ 5 ≤ tw_{ma} ≤ + 20	+ 8 ≤ t_{cm} ≤ + 14	0 ≤ t_{1m}, t_{2m}, t_{3m} ≤ + 8; t_{ma} ≤ + 4	− 2 ≤ t_{cc} ≤ + 3	≤ − 6	≤ − 12 [a]	≤ − 18 [a]

Noti:
— t_{om}: temperatura għall-ħżin tal-kompartiment l-iehor
— t_{wma}: temperatura tal-kompartiment għall-ħżin tal-inbid li tvarja b'0.5K.
— t_{cm}: temperatura għall-ħżin tal-kompartiment b'temperatura moderata
— $t_{1\ m}$, $t_{2\ m,}$ $t_{3\ m}$: temperaturi għall-ħżin tal-kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk
— t_{ma}: temperatura medja tal-kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk
— t_{cc}: temperatura instantanja għall-ħżin tal-kompartiment għat-tkessiħ
— t*, t**, t***: l-oghla temperaturi tal-kompartimenti għall-ħżin tal-ikel iffriżat
— temperatura għall-ħżin tal-kompartiment li fih isir is-silġ u għall-kompartiment b'0 stilel li tkun inqas minn 0 °C
[a] għal tagħmir refriġeranti domestiku li ma jipproduċix silġ, waqt iċ-ċiklu tat-twaqqigħ tas-silġ, hija permessa devjazzjoni tat-temperatura ta' mhux iktar minn 3K f'perjodu ta' 4 sigħat jew f'perjodu ta' 20 % tat-tul taż-żmien taċ-ċiklu ta' tħaddim, skont liema jkun l-iqsar.

2. KALKOLU TAL-VOLUM EKWIVALENTI

Il-volum ekwivalenti ta' tagħmir refriġeranti domestiku huwa t-total tal-volumi ekwivalenti tal-kompartimenti kollha. Huwa kkalkulat f'litri u aġġustat sal-eqreb numru sħiħ permezz tal-formula:

$$V_{eq} = \left[\sum_{c=1}^{c=n} V_c \times \frac{(25 - T_c)}{20} \times FF_c\right] \times CC \times BI$$

fejn:

— n huwa n-numru ta kompartimenti

— V_c huwa l-volum tal-ħżin tal-kompartiment/i

— T_c huwa t-temperatura nominali tal-kompartiment(i) kif imsemmi fit-Tabella 2

— $\frac{(25 - T_c)}{20}$ huwa l-fattur termodinamiku kif imniżżel fit-Tabella 5

— FF_c, CC u BI huma l-fatturi ta' korrezzjoni tal-volum kif imniżżla fit-Tabella 6

$\frac{(25 - T_c)}{20}$ Il-fattur ta' korrezzjoni termodinamiku huwa d-differenza fit-temperatura bejn it-temperatura nominali ta' kompartiment T_c (kif definit fit-Tabella 2) u t-temperatura tal-ambjent ta' barra f'kundizzjonijiet ta' ttestjar standard b'temperatura ta' +25 °C, espressa bħala proporzjon mal-istess differenza għal kompartiment tal-ikel frisk b'temperatura ta' +5 °C.

Il-fatturi termodimaniċi għall-kompartimenti deskritti fil-punti (g) sa (n) tal-Anness I huma stipulati fit-Tabella 5.

Tabella 5

Fatturi termodinamiċi għall-kompartimenti tat-tagħmir refriġeranti

Kompartiment	Temperatura nominali	$(25\text{-}T_c)/20$
Kompartiment iehor	Temperatura tad-disinn	$\frac{(25 - T_c)}{20}$
Kompartiment b'temperatura moderata/Kompartiment għall-ħżin tal-inbid	+ 12 °C	0,65
Kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk	+ 5 °C	1,00
Kompartiment għat-tkessiħ	0 °C	1,25
Kompartiment li fih isir is-silġ b'0 stilel	0 °C	1,25
Kompartiment bi stilla waħda	− 6 °C	1,55
Kompartiment b'żewġ stilel	− 12 °C	1,85
Kompartiment bi tliet stilel	− 18 °C	2,15
Kompartiment tal-friżer tal-ikel (kompartiment b'erba' stilel)	− 18 °C	2,15

Noti:

(i) għall-kompartimenti b'diversi użi, il-fattur termodinamiku jiġi ddeterminat skont it-temperatura nominali, li tidher fit-Tabella 2, tat-tip ta' kompartiment l-aktar kiesaħ li tista' tiġi ssettjata mill-utent aħħari u li tinżamm kontinwament skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

(ii) għal kwalunkwe taqsima b'żewġ stilel (fi friżer), il-fattur termodinamiku jiġi ddeterminat b'temperatura T_c= − 12 °C;

(iii) għal kompartimenti oħrajn, il-fattur termodinamiku jiġi ddeterminat bit-temperatura tad-disinn l-aktar kiesħa li tista' tiġi ssettjata mill-utent aħħari u li tinżamm kontinwament skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

Tabella 6

Il-valur tal-fatturi ta' korrezzjoni

Fattur ta' korrezzjoni	Valur	Kundizzjonijiet
FF (mingħajr silġ)	1,2	Għal kompartimenti li ma jipproduċux silġ għall-ħżin tal-ikel iffriżat
	1	Fil-każijiet l-oħra
CC (klassi klimatika)	1,2	Għat-tagħmir tal-klassi T (tropikali)
	1,1	Għat-tagħmir tal-klassi ST (subtropikali)
	1	Fil-każijiet l-oħra
BI (ingastat, built-in)	1,2	Għat-tagħmir ingastat li jkollu wisa' ta' inqas minn 58 cm.
	1	Fil-każijiet l-oħra

Noti:

(i) *FF* huwa l-fattur ta' korrezzjoni tal-volum għal kompartimenti mingħajr silġ.

(ii) *CC* huwa l-fattur ta' korrezzjoni tal-volum għal klassi klimatika partikolari. Jekk it-tagħmir refriġeranti jkun ikklassifikat f'aktar minn klassi klimatika waħda, għall-kalkolu tal-volum ekwivalenti tintuża l-klassi klimatika li jkollha l-ogħla fattur ta' korrezzjoni.

(iii) *BI* huwa l-fattur ta' korrezzjoni tal-volum għal tagħmir ingastat.

3. KALKOLU TAL-INDIĊI TAL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

Għall-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (*EEI*) ta' mudell ta' tagħmir refriġeranti domestiku, il-konsum tal-enerġija annwali ta' kwalunkwe tat-tagħmir refriġeranti domestiku jiġi mqabbel mal-konsum tal-enerġija annwali standard.

(1) L-Indiċi tal-Effiċjenza fl-użu tal-Enerġija (*EEI*) jiġi kkalkulat u aġġustat sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali, skont din il-formula:

$$EEI = \frac{AE_c}{SAE_c} \times 100$$

fejn:

AE_C = il-konsum tal-enerġija annwali tat-tagħmir refriġeranti domestiku;

SAE_C = il-konsum tal-enerġija annwali standard tat-tagħmir refriġeranti domestiku.

(2) Il-konsum tal-enerġija annwali (AE_C) jiġi kkalkulat, f'kWh/sena u aġġustat sat-tieni ċifra wara l-punt deċimali, skont din il-formula:

$$AE_C = E_{24h} \times 365$$

fejn:

E_{24h} huwa l-konsum tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiku f'kWh/24h, aġġustat sa tliet ċifri wara l-punt deċimali.

(3) Il-konsum standard tal-enerġija Annwali (SAE_C) huwa kkalkulat f'kWh kull sena u aġġustat sal-ewwel żewġ ċifri wara l-punt deċimali, permezz tal-formula:

$$SAE_C = V_{eq} \times M + N + CH$$

fejn:

V_{eq} huwa l-volum ekwivalenti tat-tagħmir refriġeranti domestiku;

CH għandu valur ta' 50 kWh kull sena għal tagħmir refriġeranti domestiku li jkollu kompartiment għat-tkessiħ b'volum tal-ħżin għall-inqas minn 15-il litru;

il-valuri *M* u *N* huma mogħtija fit-Tabella 7 għal kull kategorija ta' tagħmir refriġeranti domestiku.

Tabella 7

Valuri tal-*M* u tal-*N* skont il-kategorija tat-tagħmir

Kategorija	M	N
1	0,233	245
2	0,233	245
3	0,233	245
4	0,643	191
5	0,450	245
6	0,777	303
7	0,777	303
8	0,539	315
9	0,472	286
10	(*)	(*)

(*) *Nota*: għat-tagħmir refriġeranti domestiku tal-Kategorija 10, il-valuri *M* u *N* jiddependu mit-temperatura u l-klassifikazzjoni f'kategorija ta' stilel tal-kompartiment li jkollu l-aktar temperatura tal-ħżin baxxa li tista' tiġi ssettjata mill-utent aħħari u li tista' tinżamm kontinwament skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Meta t-tagħmir ikollu biss "kompartiment ieħor" kif imfisser fit-Tabella 2 u fil-punt (n) tal-Anness I, jintużaw il-valuri *M* u *N* tal-Kategorija 1. It-tagħmir b'kompartimenti bi tliet stilel jew kompartimenti għall-iffriżar tal-ikel jitqiesu bħala friġġ-friżers.

ANNESS IX

Klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija

Il-klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' tagħmir refriġeranti domestiku għandu jkun iddeterminat skont l-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (*EEI*) kif jidher fit-Tabella 1 mill-20 ta' Diċembru 2011 sat-30 ta' Ġunju 2014 u t-Tabella 2 mill-1 ta' Lulju 2014.

L-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija ta' tagħmir refriġeranti domestiku għandu jkun iddeterminat skont il-punt 3 tal-Anness VIII.

Tabella 1

Il-klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija mit-30 ta' Ġunju 2014

Klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija	Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija
A+++ (l-iktar effiċjenti)	*EEI* < 22
A++	22 ≤ *EEI* < 33
A+	33 ≤ *EEI* < **44**
A	**44** ≤ *EEI* < 55
B	55 ≤ *EEI* < 75
C	75 ≤ *EEI* < 95
D	95 ≤ *EEI* < 110
E	110 ≤ *EEI* < 125
F	125 ≤ *EEI* < 150
G (l-inqas effiċjenti)	*EEI* ≥ 150

Tabella 2

Il-klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija mill-1 ta' Lulju 2014

Klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija	Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija
A+++ (l-iktar effiċjenti)	*EEI* < 22
A++	22 ≤ *EEI* < 33
A+	33 ≤ *EEI* < **42**
A	**42** ≤ *EEI* < 55
B	55 ≤ *EEI* < 75
C	75 ≤ *EEI* < 95
D	95 ≤ *EEI* < 110
E	110 ≤ *EEI* < 125
F	125 ≤ *EEI* < 150
G (l-inqas effiċjenti)	*EEI* ≥ 150